



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** Petizzjon 0942/2013 imressqa minn René Kortas, ta' ċittadinanza Libaniża, dwar il-liċenzji għal ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jistabbilixxu l-ispiżeriji fil-Greċja

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta hija ċittadina Libaniża miżżewġa lil ċittadin Grieg u għandha fil-pussess tagħha permessi ta' residenza u ta' xogħol. Hija għandha lawrja fil-farmakoloġija minn università Griega u għandha fil-pussess tagħha liċenzja sabiex issegwi l-professjoni ta' spiżjara fil-Greċja. L-applikazzjoni tagħha għal liċenza biex tistabbilixxi spiżerija fir-reġjun ta' Attika ġiet miċħuda minħabba li hi ta' nazzjonalità barranija. Hija qiegħda titlob informazzjoni dwar id-drittijiet tagħha fir-rigward tal-impjieg u l-impjieg indipendenti skont il-permessi ta' residenza u ta' xogħol fil-pussess tagħha.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-11 ta' Frar 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

"Wara analiżi tal-każ mill-perspettiva ta' strumenti legali differenti tal-UE fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta, mhuwiex possibbli li tiġi stabbilita b'ċertezza konnessjoni tal-każ tagħha mal-liġi tal-UE.

B'mod partikolari, peress li l-petizzjonanta tirrisjedi fl-Istat Membru ta' nazzjonalità tal-konjuġi tagħha, li ma eżerċitax id-drittijiet ta' moviment ħieles taħt id-Direttiva 2004/38/KE<sup>1</sup>, hija ma taqax fil-mira ta' din id-Direttiva u b'hekk ma tistax tikseb xi drittijiet ta' trattament indaqs taħt ir-regoli ta' din id-Direttiva<sup>2</sup>.

Barra minn hekk, bħala persuna li għandha n-nazzjonalità ta' pajjiż terz, il-petizzjonanta ma taqax fil-mira tal-applikazzjoni tad-Direttivi 2005/36/KE<sup>3</sup> u 2006/123/KE<sup>4</sup>, sakemm ma tkunx tista' tiġi assimilata ma' persuna li għandha nazzjonalità tal-UE taħt Direttivi oħra speċifiċi tal-UE.

Min-naħa l-oħra, li jistgħu jkunu ta' rilevanza għal każ tagħha huma d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-istatus ta' persuni ta' nazzjonalità ta' pajjiż terz li ilhom residenti għal żmien twil, li huma stabbiliti fid-Direttiva 2003/109/KE<sup>5</sup>. Din id-Direttiva tiddetermina t-termini għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' resident għal żmien twil mogħti minn Stat Membru b'rabta ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu legalment fit-territorju tiegħu, u d-drittijiet marbuta miegħu.

Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu status ta' resident għal żmien twil lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu jgħixu legalment u mingħajr interruzzjoni fit-territorju tiegħu għal ħames snin immedjatament qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ksib ta' status ta' residenti għat-tul, u skontu l-Istati Membri għandhom jeħtieġu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jipprovdu evidenza li għandhom, riżorsi stabbli u regolari kif ukoll assigurazzjoni tal-mard għalihom stess u għal membri tal-familja dipendenti fuqhom.

Jekk il-petizzjonanta tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet hija eliġibbli biex tapplika għal status ta' residenti tal-UE għat-tul. Dan l-istatus huwa permanenti u jinkludi sett ta' drittijiet simili ħafna għal dawk li jgawdu nies li għadhom in-nazzjonalità, inkluż it-trattament ugwali f'medda wiesha ta' oqsma ekonomiċi u soċjali.

B'mod partikolari, l-Artikolu 11 tad-Direttiva jistabbilixxi li *"Ir-residenti għat-tul għandhom igawdu trattament ugwali ma' dak taċ-ċittadini fir-rigward ta': (a) aċċess għall-impieg jew attività ta' impieg għal rasu, kemm-il darba dawk l-attivitajiet ma jnvolvux ukoll involviment ta' kull tant fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika, u kondizzjonijiet ta' l-impieg u kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi kondizzjonijiet li jirrigwardaw it-tkeċċija u l-ħlas."*

Mill-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni ma tistax tevalwa jekk is-sitwazzjoni tal-petizzjonanta taqax taħt id-Direttiva. Kieku dan kien il-każ u hija għandha permess ta' residenza tal-UE għat-tul, il-petizzjonanta għandha tgawdi minn trattament ugwali għal nies li

<sup>1</sup> id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri.

<sup>2</sup> Hekk kif ġie kkonfermat minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, id-Direttiva 2004/38/KE ma tagħtix dritt derivat ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru li tiegħu dak iċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità; ara s-sentenza reċenti tat-12 ta' March 2014 fil-Kawża C-457/12, S.G., paragrafu 34.

<sup>3</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professionali.

<sup>4</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

<sup>5</sup> Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul.

għandhom n-nazzjonalità, fost l-oħrajn, attivitajiet ta' min jaħdem għal rasu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

### Konklużjoni

Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta, il-Kummissjoni ma tistax tistabbilixxi l-eżistenza ta' konnessjoni mal-liġi tal-UE.